32000L0001

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2000/1/KE
ta' l-14 ta' Jannar 2000
li taddatta għall-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 89/173/KEE fir-rigward ta' ċerti komponenti u karatteristiċi ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat d-Direttiva tal-Kunsill 74/150/KEE ta' l-4 ta' Marzu 1974 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrelataw ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija [1], kif l-aħħar emendata mid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 97/54/KE [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tagħha,

Wara li kkunsidrat d-Direttiva tal-Kunsill 89/173/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrelataw ma' ċerti komponenti u karatteristiċi ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija [3], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 97/54/KE, u partikolarment l-Artikolu 9 tagħha,

Billi:

(1) Sabiex jittieħed kont tal-progress tekniku, huwa issa neċessarju li jiġu riveduti ċerti disposizzjonijiet li jikkonċernaw id-dimensjonijiet u l-masses, u partikolarment dawk ta' agganċjar mekkaniku, sabiex isir l-aħjar użu possibbli ta' l-istandards ISO; u, sabiex titjieb is-sigurtà, l-arranġamenti ta' *testing* għandhom jiġu speċifikati fid-Direttiva 89/173/KEE, għall-konfigurazzjonijiet kollha possibbli.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat għall-Addattament għall-Progress Tekniku stabbiliti bl-Artikolu 12 tad-Direttiva 74/150/KEE,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Annessi I, II, IV u V tad-Direttiva 89/173/KEE huma hawnhekk emendati kif stabbilit fl-Anness ma' din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. Mill-1 ta' Lulju 2000, l-Istati Membri ma jistgħux:

— jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni tat-tip KE, sabiex joħroġ id-dokument previst fit-tielet inċiż ta' l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 74/150/KEE, jew biex jagħtu approvazzjoni tat-tip nazzjonali, fir-rigward ta' tip ta' trattur, jew

— jipprojbixxu d-dħul fis-servizz ta' tratturi,

jekk it-tratturi in kwistjoni jissodisfaw il-ħtiġiet tad-Direttiva 89/173/KEE, kif emendata b'din id-Direttiva.

2. Mill-1 ta' Jannar 2001, Stati Membri:

— ma jistgħux aktar joħorġu d-dokument previst fit-tielet inċiż ta' l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 74/150/KEE fir-rigward ta' tip ta' trattur li ma jissodisfax il-ħtiġiet tad-Direttiva 89/173/KEE, kif emendata b'din id-Direttiva,

— jistgħu jirrifjutaw li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali fir-rigward ta' trattur li ma jissodisfax il-ħtiġiet tad-Direttiva 89/173/KEE, kif emendata b'din id-Direttiva.

Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2000. Għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni bihom.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-disposizzjonijiet, għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikollhom magħhom din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-disposizzjonijiet prinċipali ta' liġi domestika li huma jaddottaw fil-qasam irregolat b'din id-Direttiva.

Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-14 ta' Jannar 2000.

Għall-Kummissjoni

Erkki LIIKANEN

Membru tal-Kummissjoni

---

(1) ĠU L 84, tat-28.3.1974, p. 10.
(2) ĠU L 277, ta' l-10.10.1997, p. 24.
(3) ĠU L 67, ta' l-10.3.1989, p. 1.

ANNESS

L-Annessi I, II, IV u V għad-Direttiva 89/173/KEE huma emendati kif ġej:

Anness I:

Fil-punt 2.1.2, "2.5 m" huwa sostitwit b"2.55 m (meta jiġi injorat kwalunkwe sporġiment tat-*tyres* li huwa f'kuntatt ma' l-art)".


Anness II:

1. Fil-punt 2.3.2.7.1:

(a) Is-sentenza li ġejja tiddaħħal."Meta l-konnessjonijiet l-aktar baxxi huma direttament attivati bil-mekkaniżmu ta' l-irfigħ, il-pjan ta' referenza huwa determinat bil-pjan medjan trasvers vertikali ta' dawk il-konnessjonijiet."

(b) Il-Figura 3 hija sostitwita bil-figura li ġejja:

Figura 3



Legend:

A = Il-parti li terfa'

B = Il-konnessjoni l-aktar baxxa

C = Il-virga ta' l-irfigħ

D = Ix-Chassis tat-trattur

E = Pjan li jgħaddi mill-assi tal-punti centrali tal-virga ta' l-irfigħ

F = Iż-żona ta' distanza".

2. Fil-punt 2.3.2.15.2, Tabella 6, il-valur "a" huwa mnaqqas minn"50" għal"40".

Anness IV:

1. Il-punt li ġej 2.8 hu miżjud:

"2.8. Sakemm mill-inqas ganċ mekkaniku wieħed ikun irċieva komponent ta' l-approvazzjoni tat-tip KE, tipi oħrajn ta' rbit mekkaniku jew ganċijiet użati fl-Istati Membri għandhom jiġu awtorizzati għal perijodu ta' 10 snin mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva mingħajr l-invalidazzjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip KE tat-trattur."

2. L-ewwel sentenza tal-punti 3.4.1. hija emendata biex tinqara:

"3.4.1. It-tratturi kollha b'massa mgħobbija li teċċedi 2.5 tunnellati għandu jkollhom anness magħhom ganċ ta' karru b'distanza mill-art li tissodisfa waħda mir-relazzjonijiet li ġejjin:

$$h_1 \leq \frac{(m_a - 0{,}2.m_t).l - (S.c)}{0{,}6.(0{,}8.m_t + S)}$$

jew

$$h_2 \leq \frac{(m_{la} - 0{,}2.m_1).l - (S.c)}{0{,}6.(0{,}8.m_{lt} - 0{,}2.m_t + S)}$$"

3. Fl-Appendiċi 1, il-Figura 1 hija sostitwita bil-Figuri 1a, 1b u 1ċ li ġejjin:





Figura 1a

Iggančjar mhux awtomatiku tal-karru b'pinn ċilindriku li jagħlaq






Figure 1b

Iggančjar awtomatiku tal-karru b'pinn ċilindriku li jagħlaq




Figure 1c

Iggankċjar awtomatiku tal-karru b'pinn b'nofs tond li jagħlaq

4. Fl-Appendiċi 2, il-punt 3.2, il-formula:

„ $F = \sqrt{F_h 2 + F_v 2}$ ”

tiġi sostitwita bil-formula li ġejja:

„ $F = \sqrt{F_h^2 2 + F_v^2}$ ”

5. Fl-Appendiċi 4:

(a) Il-kliem ta' introduzzjoni u t-test tat-tieni inċiż huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE tikkonsisti f':

— rettanglu madwar l-ittra żgħira 'e' segwita mill-kodiċi ta' distinzjoni (ittra(i) jew numru) ta' l-Istat Membru li ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent:

1 għall-Ġermanja; 2 għal Franza; 3 għall-Italja; 4 għall-Olanda; 5 għall-Isvezja; 6 għall-Belġju; 9 għal Spanja; 11 għar-Renju Unit; 12 għall-Awstrija; 13 għall-Lussemburgu; 17 għall-Finlandja; 18 għad-Danimarka; 21 għall-Portugall; 23 għall-Greċja; 24 għall-Irlanda."

(b) Fit-tieni inċiż il-kliem"taħt u" huma mħassra.

Anness V:

Il-Punt 2.1.3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Numru ta' approvazzjoni tat-tip KE:

In-numru ta' l-approvazzjoni tat-tip KE jikkonsisti fl-ittra żgħira 'e' segwita mill-kodiċi ta' distinzjoni (ittra(i) jew numru) ta' l-Istat Membru li ta' l-approvazzjoni tat-tip KE:

1 għall-Ġermanja; 2 għal Franza; 3 għall-Italja; 4 għall-Olanda; 5 għall-Isvezja; 6 għall-Belġju; 9 għal Spanja; 11 għar-Renju Unit; 12 għall-Awstrija; 13 għall-Lussemburgu; 17 għall-Finlandja; 18 għad-Danimarka; 21 għall-Portugall; 23 għall-Greċja; 24 għall-Irlanda,

u n-numru ta' approvazzjoni tat-tip li jikkorrispondi għan-numru taċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip maħruġ għal din it-tip ta' vettura.

Titqiegħed stilla bejn l-ittra 'e' segwita mill-kodiċi ta' distinzjoni tal-pajjiż li jagħti l-approvazzjoni tat-tip KE u n-numru ta' l-approvazzjoni tat-tip."